# It-Tmintax-il Lezzjoni:  Henjin dawk li huma mistiedna

- Il-Quddiesa hija meqjusa bħala l-akbar talba li nistgħu nagħtu lil Alla. Fil-fatt fiha aħna nkunu nistgħu namministraw is-sagramenti u ningħaqdu bħala poplu nisrani.
- Kuljum Ġesu' jagħmlilna stedina.  Dik li mmorru għall-festin tiegħu u nieħdu sehem fil-quddiesa.  Huwa jistedinna għall-ikla speċjali li huwa nnifsu kien waqqaf fl-Aħħar Ċena.  Dan jissejjaħ is-sagrament ta' l-Ewkaristija.
- Fil-lejl ta' qabel miet, Ġesu' għamel wieħed mill-akbar mirakli li qatt seħħu: huwa bidel il-ħobż f'ġismu u l-inbid f'demmu.  Dal-miraklu niċċelebrawh f'kull quddiesa waqt il-konsagrazzjoni.
- Qabel it-tqarbin, is-saċerdot jgħid dan il-kliem:  *Henjin dawk li huma mistiedna għall-ikla tal-Ħaruf.*  Aħna tassew ixxurtjati li nistgħu nieħdu sehem f'dan is-sagrament kull meta rridu.
- L-akbar stedina ta' Ġesu' madankollu ssir kull nhar ta' Ħadd.  Dan għaliex l-akbar ġrajja ta' Ġesu' (il-qawmien mill-mewt) seħħet il-Ħadd. Għalhekk l-insara ddeċidew li għalihom nhar ta' Ħadd kellu jkun Jum il-Mulej.
- Kull nhar ta' Ħadd u kull festa bl-obbligu tal-quddies, aħna rridu nħarsu l-jum billi nieqfu mix-xogħol u nisimgħu l-quddies.
- It-tielet kmandament jgħidlek: Ħares il-Ħdud u l-festi Kmandati.  Il-Jum tal-Ħadd għalhekk huwa jum li fih nistrieħu mix-xogħol u niddedikaw il-jum lil Alla u lill-familja.
- Fil-bidu tal-quddiesa, aħna nagħrfu dnubietna u nuru li jiddispjaċina li għamilnihom.  Hawnhekk nagħmlu stqarrija tad-dnubiet fejn nitolbu lil Alla u lil xulxin maħfra ta' dak kollu li nkunu għamilna.
- B'hekk nistgħu ngħidu li jkollna l-paċi ta' Alla.